# Mons Tarċisju Gatt (1912-1966)

## *Il-Fundatur tal-Fratellenza ta' Santa Marija Assunta tal-Katidral ta' Għawdex*

**Kitba ta' Dun Geoffrey G Attard**



Fost is-saċerdoti Għawdxin magħrufa li llum m'għadhomx magħna imma li t-tifkira tagħhom tibqa' għażiża għal ħafna, irridu nsemmu lil Dun Tarċis Gatt, saċerdot twajjeb mir-Rabat, Għawdex li din is-sena nfakkru l-ħamsin sena mill-mewt tiegħu.

**Saċerdot ħabrieki**

Dun Tarċis twieled ir-Rabat, Għawdex nhar it-18 ta' Frar 1912, l-uniku tifel u r-raba' wild ta' Ġorġ Gatt u Mariroż Scicluna. Ommu Mariroż kienet magħrufa fost l-Għawdxin għax kienet majjistra mfittxija. Hu ħa l-ewwel edukazzjoni tiegħu fl-Iskola Primarja ta' Triq Vajringa u mbagħad daħal is-Seminarju fejn aktar tard beda l-kors tas-saċerdozju. Ordna minn idejn l-Isqof t'Għawdex Mons. Mikiel Gonzi fil-KonKatidral ta' San Ġwann nhar il-25 ta' Lulju 1937. Fl-1946 l-Isqof il-ġdid ta' Għawdex Mons. Ġużeppi Pace għażlu biex ikun ċerimonier tiegħu u fil-fatt Dun Tarċis jidher f'ħafna mir-ritratti li fihom jispikka l-Isqof Pace. Fl-1952 l-Isqof



*Mgr. Tarċis Gatt (left) with Bishop Ġużeppi Pace and Fr Gatt's sister Anastasia Tabone*



*Mons. Tarisju Gatt fuq ix-xellug tal-Isqof Ġużeppi Pace jassisti għat-tberik tal-istatwa tal-Assunta*

ħatru kappillan tal-korp tal-pulizija f'Għawdex u saddattant intagħżel bħala direttur spiritwali tal-Banda *Leone* tar-Rabat. Hu kien ukoll jgħallem it-Taljan fis-Seminarju Minuri ta' Għawdex. Dawk li kienu studenti tiegħu għandhom għalih kliem sabiħ u ta' apprezzament. Mhux darba u tnejn tkellimt ma' xi wħud minn dawn il-persuni; kulħadd kelma waħda għax kollha jgħidulek li Dun Tarċis kellhom natural ħelu, kien ċajtier imma wkoll għalliem tajjeb u eżemplari.

**Direttur Spiritwali tal-Banda 'Il Leone'**

Fil-ktieb tiegħu tal-ġrajja tal-Banda 'Il Leone', il-kittieb Għawdxi Grazio A. Grech jikteb hekk huwa u jirrakkonta dwar l-oriġini ta' din l-għaqda mużikali:

Tajjeb insemmu hawn li malli sar l-att il-bandist Ġorġ Gatt, li jiġi missier l-eks-direttur spiritwali tas-Soċjetà 'Leone' Mons Dun Tarċis Gatt, ħareġ fil-bieb tal-każin ta' dak iż-żmien u lissen dawn il-kelmiet: *Leone huwa isimha*, lil dawk li kienu jistennew barra.[1]

**Fundatur tal-Fratellanza tal-Assunta**

M'hemmx dubju li matul is-snin li qatta' bħala direttur spiritwali tal-Banda, Dun Tarċis inqeda bil-ħbiberija tiegħu mal-Isqof Mons. Ġużeppi Pace li tiegħu kien ċerimonier għal bosta snin u anke ħabib intimu, biex jgħin fil-proċess li kellu jwassal sabiex il-Banda 'Il Leone' tirregala darba għal dejjem l-istatwa artistika ta' Santa Marija lill-Knisja Katidrali minn fejn sa mill-1956 ilha tinħareġ ukoll proċessjonalment, akkumpanjata mill-istess banda. Ta' min isemmi li oħt Dun Tarċis – Anastasia – kienet miżżewġa lil Ġorġ Tabone – *ta' Gerit* – li kien wieħed mill-persuni l-aktar prominenti fl-organizzazzjoni tal-festa ta' San Marija u anke fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira li toħroġ mill-Katidral.

Din il-ħeġġa u l-imħabba mingħajr interessi ta' Dun Tarċis lejn il-knisja Katidrali tissemma wkoll fil-pubblikazzjoni speċjali li ħarġet biex tfakkar il-ħamsin sena mill-għoti tal-istatwa ta' Santa Marija mill-Banda 'Il Leone' lill-Katidral. Insibu miktub hekk:

Dun Tarċis għamel ix-xogħol ta' arċipriet mingħajr rimunerazzjoni. Kien jgħid ir-Rużarju u jagħti l-Barka Sagramentali kull filgħaxija. Fis-sena 1957 waqqaf il-Fratellanza ta' Santa Marija Assunta fil-Katidral u tagħha kien l-ewwel prokuratur. Kif imsemmi 'l isfel, bil-ħidma tiegħu saru opri kbar fil-Katidral.[2]



Monsinjur Tarċisju Gatt
18.11.1912 – 05.11.1966

### Dun Tarċisju u l-Katidral

Dun Tarċis kien predikatur ta' fama u dar bosta knejjes jippriedka u jqarar. Imma l-akbar servizz tah lill-Knisja Katidrali ta' Għawdex fejn kien jaqdi bħala kappillan. Hu ħadem biex jinġabru flus ħalli jsiru trieħi għall-altari kollha ta' din il-Knisja. Imma l-akbar ħolma tiegħu u ta' dawk ta' madwaru kienet li l-istatwa artistika ta' Santa Marija Assunta li kien hemm fil-każin tal-Banda *Leone* fi Triq l-Arċipriet Saverio Cassar fir-Rabat Għawdex tingħata formalment lill-Knisja Katidrali sabiex imbagħad tkun tista' tintuża fil-purċissjoni tal-15 t'Awwissu. Din il-ħolma setgħet isseħħ għax Dun Tarċis kien igawdi l-widna tal-Isqof Pace. L-istatwa ġiet fil-fatt irregalata lill-Katidral nhar id-29 ta' April 1956 u minn dakinhar 'il quddiem tinsab għall-qima fil-Katidral. Fir-ritratti tal-purċissjoni bl-istatwa tal-Madonna mill-każin għall-Katidral, Dun Tarċis jidher sewwa. Aktar tard, fl-1956 l-Isqof Pace ħatar lil Dun Tarċis kanonku tal-Katidral bit-titlu ta' monsinjur.[3] Wara li l-istatwa sarilha pedestall tal-fidda fuq disinn ta' Samuel Bugeja, Dun Tarċis qabbad lil neputih Baskal Attard magħruf bħala *Ta' Kunċetta* biex jagħmel il-bredella li sal-lum għadha titgawda fil-Knisja Katidrali matul il-kwindiċina ta' nofs Awwissu.

### Tifkiriet

Wara l-mewt ta' ommu Mariroż, Dun Tarċis baqa' joqgħod ma' oħtu Anastasia u żewġha Ġorġ Tabone magħruf hawn fir-Rabat Għawdex bħala *ta' Gerit*. Id-dar tiegħu għadha hemm fi Triq l-Arċipriet Mons. Alfons Maria Hili, liema triq sa ftit taż-żmien ilu kien tissejjaħ Triq il-Karità imma mbagħad il-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria kien firidha minn din u taha isem ġdid għal wieħed mill-arċipreti ħabrieka tar-Rabat. Mad-dar tiegħu għadha tista' tidher ix-xbieha tal-Assunta li tant kien iħobb u l-kelmiet bil-Latin *Regina in Caeli Assumpta*. Fl-aħħar ta' ħajtu, meta naqsu d-dawl, kien jiffrekwenta aktar il-Knisja tal-Patrijiet Agostinjani fi Pjazza Tomba u kien midħla wkoll tal-Oratorju Don Bosco li kien waqqaf saċerdot ieħor Rabti, Dun Pawl Micallef *tal-Barkuna*. F'dan l-oratorju, kif jirrakkuntaw dawk li għadhom jiftakruh, Dun Tarċis kien jagħti sehmu wkoll fil-ħajja tal-palk. Ta' min jgħid li l-inħawi li fihom twieled, trabba u għex Dun Tarċis kienu nħawi miżgħuda bil-preżenza ta' diversi saċerdoti. Biżżejjed ngħidu li hu kien ħabib tal-aħwa Dun Franġisk u Dun Karm Scicluna; dan tal-aħħar kien sar l-arċipriet tal-Katidral fl-1975 u kien kittieb regolari fil-*Leħen is-Sewwa* għal bosta snin. F'dawn l-istess inħawi għex ukoll Dun Ġużepp Farrugia Gioiso magħruf fost l-Għawdxin sempliċiment bħala *Dun Ġużepp ta' Giljoża*. Dan kien saċerdot erudit u Latinista u kien qaleb lil De Soldanis għall-Malti. Minn dawn l-inħawi wkoll kien Mons. Ġużeppi Debrincat li jien ma niftakrux imma naf li kienu jsibuh bħala *L-Anġolin*; dan kien mużiċista prima u ħafna għadhom isemmuh.

### Dun Tariċju fil-letteratura

Kif jistgħu jgħidu dawk li kienu jafuh sewwa, Dun Tarċis kellu leblieba għall-ħelu. Mhux darba u tnejn li qaluli li bil-ħabi ta' ħutu, Dun Tarċis kien jibgħat xi tifel jixtrilu xi ħelu li mbagħad hu kien jaħbi taħt l-imħadda jew fi rkejjen oħra fid-dar. Huwa marad bid-dijabete u għaldaqstant naqaslu d-dawl lejn it-tmiem ta' ħajtu. Miet qasir il-għomor fl-eta' ta' 54 sena nhar il-5 ta' Frar 1966. Il-poeta Għawdxi l-Kanonku Dun Joe Mejlak ddedikalu poeżija bl-isem *In Memoriam* fl-antoloġija ta' poeżiji tiegħu *Għanjiet Ta' Qalbi*. Illum il-fdalijiet ta' Dun Tarċis jinsabu midfuna fil-kappella fejn tinstab l-istatwa tal-Assunta fil-Katidral bħala tifkira dejjiema tar-rabta storika ta' dan is-saċerdot mal-istatwa u t-tempju ta' Santa Marija fiċ-Ċittadella ta' Għawdex.

### Referenzi


[1] Grazio A. Grech, Ġrajjiet Is-Soċjetà Mużikali u Filarmonika Leone Għawdex Għawdex, 2012), 26.

[2] Joseph Bezzina, Santa Marija. Ħamsin Sena L-Katidral 1956-2006 (Parroċċa tal-Katidral; Għawdex, 2006), 149. Ara wkoll paġni 153 u 163.

[3] Mons. Carmelo Scicluna, Tifkira F'Ġieħ Mons Tarċisju Gatt 1912-1966. Orazzjoni Funebri li nqrat fil-Katidral tal-Assunta nhar is-7 ta' Marzu 1966 (Għawdex, 1966), 15.